# PIETRO PAOLO AGIUS (52) (1.11.1866-18.3.1935)



minn Prof. RAY MANGION



Dr Pietro Paolo Agius f'ritratt rari li qiegħed jidher esklussivament u għall-ewwel darba. L-awtur u/jew ir-redazzjoni ta' It-Torċa jesiġu l-copyright tal-użu ta' dan ir-ritratt (fl-istampa mitbugħa jew on-line) li għalkemm kien pubblikat qabel fil-group photo tal-Kumitat tal-Unione Pro Patria et Religio, qatt ma kien identifikat bħala dak ta' Dr Pietro Paolo Agius (c) Professur Raymond Mangion,

Pietro Paolo twieled f'Ħaż-Żebbuġ, iben Dr Pietro Paolo Agius M.D. u Maria Concetta Busuttil, li kienu mill-istess raħal. Huwa tgħammed mill-Arċipresbiteru Dun Pietru Bartolo fil-Knisja Parrokkjali ta' San Filep l-għada 2 ta' Novembru 1866, u ngħata l-ismijiet ta' 'Paulus, Lauretus, Alphredus, Francsicus, Omnisanctus, Philippus, Joseph'.

Huwa daħal fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Għawdex fl-1879 u kien matrikulat sitt snin wara tant li attenda l-Kors Triennali fil-Fakultà tal-Arti u tax-Xjenza fl-Alma Mater fl-1885.

Huwa għadda tajjeb ferm mill-eżamijiet annwali tal-Kunsill Speċjali tal-Fakultà. Huwa kien konferit il-Baċellerat fl-Arti (B.A.) u ssokta bit-taħriġ fis-snin skolastiċi 1888-1890 meta huwa segwa kors regulari fil-Farmaċija u fil-Mediċina u kiseb id-Dottorat fiż-żewġ suġġetti (M.D.) fit-2 ta' Awwissu 1892.

Pietro Paolo laħaq tabib ftit aktar minn sentejn wara li miet missieru u kien mhux biss diġà mliehem u mikrub biżżejjed biex jissokta bilkbir fuq il-linji paterni sew akkademiċi sew professjonali iżda mar oltre għaliex ħareġ għonqu fil-kwistjonijiet jaħarqu bejn ir-rappreżentanti Maltin u l-ħakkiema li predominaw f'Malta partikularment fi żmien il-Kostituzzjoni Knutsford (1887) fl-aħħar kwart tas-seklu dsatax.

Dr Agius qagħad lura milli jikkandida fis-seba' elezzjonijiet ġenerali li tniedu,



Il-Kumitat tal-Unione Pro Patria et Religio magħmul minn membri tal-partiti politiċi Maltin kollha, taħt it-tmexxija ta' Sigismondo Savona (fuq quddiem nett fin-nofs) u mwaqqfa mill-Isqof Pietro Pace bil-għan li jiġġieled "il-Kawża Kattolika" kontra d-dħul taż-żwieġ ċivili mill-Gvern Ingliż. Dr Pietro Paolo Agius jidher it-tieni mil-lemin fit-tieni ringiela (c) Klabb Kotba Maltin/Midsea Books

ħafna drabi mingħajr kontestazzjonijiet, mill-1888 sal-1900. Madanakollu, huwa kien prominenti fil-Kumitat tal-Unione Pro Patria et Religio li twaqqaf b'inizjattiva tal-Isqof ta' Malta Monsinjur Pietro Pace, u li kien anke magħmul mid-deputati tal-poplu taħt it-treġija ta' Sigismondo Savono, bil-għan li jiġġieled il-"Kawża Kattolika" kontra d-deċiżjoni tal-Gvern "Imperjali" u "Protestant" favur id-dħul akkosta ta' kollox taż-żwieġ ċivili f'Malta.

Dr Agius, imdakkar mill-mikbi għażiż missieru, kiteb ħemel studji bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan dwar l-iġjene, il-kura tat-tfal, il-valura nutrittiv tal-ħalib tal-bodbod kif ukoll dwar tifkiriet li baqgħu f'manuskritti.

Huwa kien involut fid-difiża medika favur il-ħelsien ta' Giuseppe Vella f'każ kriminali li kien fuq fomm kulħadd u li għamel sensazzjoni fil-gurnali lokali fl-1893. Huwa insista li l-akkużat kellu jinħeles minħabba raġunijiet ta' "demenza" skont kif kien rappurtat fil-gazzetta 'Public Opinion' tat-23 ta' Diċembru 1893:

'Dr P. P. Agius, prattikanti żgħażugħ ta' mertu kbir…diġà ħalla l-marka f'tas-Sliema kif ukoll fil-Belt Valletta. L-abiltà tiegħu hija msemmija biżżejjed…forsi mhux daqstant magħruf li huwa spiss joffri assistenza b'xejn, u fuq il-passi tal-mibki missieru, saħansitra jipprovdi lill-pazjenti foqra tiegħu mediċini u konforti mediċinali minn butu stess'.

Dr Pietro Paolo kien jappoġġja lill-Appostolat tat-Talb li twaqqaf uffiċjalment għad unur il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fi ħdan il-Kunvent tal-Franġiskani Minuri ta' tas-Sliema fit-3 ta' Jannar 1899.

Huwa tniżżel bħala l-ewwel żelant fir-Reġistru tal-Membri li nfetaħ fit-12 ta' Marzu 1899. Huwa ddaħħal fit-tixrid tal-Kelma t-Tajba sa mis-snin bikrijin tal-prattika medika. Madanakollu, huwa kien lest sa mill-bidu nett tal-karriera professjonali tiegħu biex ikollu ħajja miżgħuda b'impenji u b'responsabilitajiet politiċi u mgħobbija bl-intriċċi u bil-kontroversarji li kkaratterizzaw ir-rwol fis-soċjetà sa miż-żerniq tas-seklu għoxrin.

Dr Pietro Paolo ħatar District Medical Officer (D.M.O.) f'għadd ta' rħula f'Malta u f'Għawdex.

Sadanittant, huwa kien kontributur regolari permezz tal-ġurnaliżmu ta' kuljum u ta' rivisti letterarji. Huwa svela l-għibdiet u l-miri politiċi partiġġjani b'ittra li xandar fl-1901 biex jistqarr fil-pubbliku li huwa u lealisti kienu se joħorġu għonqhom mal-klikka Franco-Taljana tal-membri awto-eletti tal-Kunsill tal-Gvern Malti.

Dr Agius ippubblika l-missiv tiegħu meta n-numru tal-Maltin "tal-Iskola" jew inkella l-aktar edukati tal-pajjiż u li kienu jagħtu l-appoġġ għall-amministrazzjoni taħt (aktar tard Sir, Lord) Gerald Strickland fil-kapaċità ta' Segretarju Ewlieni tal-Gvern kien kważi miss il-qiegħ billi l-ammiraturi lejn dan il-Konti naqsu bil-kbir billi ma kienu qablu miegħu xejn li kellhom joqogħdu għall-attakki tal-Istampa.

Il-korrispondenza ta' Dr Agius misset ukoll lill-Ispiżjar Costantino Mizzi – wieħed minn ħut Dr Fortunato – li kellu n-negozju farmaċewtiku fil-Belt Valletta, kif ukoll lil Dr Zaccaria Roncali li skont rapport tad-'Daily Express' kien irritorna invit bl-Ingliż li kien wasallu mingħand student Malti għaliex ma kienx lest jaċċetta stediniet mingħand Malti miktubin bil-lingwa tal-ħakkiem.

Dr Pietro Paolo Agius xtara l-proprjetà tal-gurnal Il Risorgimento u sar anke l-Editur u d-Direttur tiegħu fl-1909.

Dr Agius ta prova tal-karattru tabilħaqq eċċentru meta ntefà b'ruħu u b'ġismu fid-dinja tal-pubbliċità. Simultanjament, huwa kien dejjem pront li juri passjoni favur kwalunkwe kampanja umanitarja. Huwa pprofessa u tenna l-fedeltà u l-alleanza tiegħu lejn il-Bandiera Britannika. Huwa kien ħerqan biex jaqbad il-barri minn qrunu għall-Kawża Imperjalista.

Huwa ma qagħadx jomgħodha biex ibiddel radikament id-direzzjoni editorjali vera u proprja. Huwa ma qabilx mal-gazzetti bit-Taljan ta' sħabu tal-Oppożizzjoni fir-rigward tal-politika ta' instransiġenza fuq il-Kwistjoni tal-Lingwa.

Huwa żamm lilu nnifsu 'l bogħod mill-valanga ta' attakki li huma tefgħu kontra l-Gran Britannja. Anzi, huwa kien jaqbel ma' iktar tifrix tal-ilsien Ingliż minkejja li kien kritiku tal-attitudni tal-Gvern Kolonjali.

Huwa beda jinserixxi diversi artikli bl-Ingliż fil-perjodiku tiegħu u nqeda ampjament minn espressjonijiet idjomatiċi u frażijiet bl-Ingliż Taljanizzat fl-editorjali bħalma għamel fil-ħarġa tal-14 ta' Awwissu 1911 ('on the spot', 'through thick and thin', u l-bqija).

Huwa ħaddan l-idea tal-Astensjoniżmu filwaqt li baqa' ekwidistanti kemm miż-żewġ fazzjonijiet Nazzjonalistiċi.

Huwa nnifsu beda jikkompila l-gazzetta.

Dr Agius kien iqis il-politika bħala t-tieni argument u l-interess prinċipali tiegħu kien marbut mat-titjib tal-kundizzjonijiet iġjeniċi-sanitarji tal-pajjiż.

Huwa sfrutta l-ġurnaliżmu tiegħu billi damm sensiela ta' artikli mifqugħin bil-polemiċi li fihom ingaġġa f'tilwim ma' dawk kollha responsabbli tas-Saħħa Pubblika lokali dwar il-kondizzjonijiet tal-isptarijiet u dwar l-abitazzjonijiet ta' familji u individwi li ma kellhomx għajxa ta' lejla.

Dr Pietro Paolo flimkien ma' Agostino Levanzin, editur ta' In-Naħla, kien voċiferuż sa mill-bidu tat-tbigħ tal-Risogimento taħt il-management tiegħu dwar is-suspett li Antonio Azzopardi mlaqqam 'Ninu Xkora' jew 'Xkora Ħobż', li kien ġustizzjat fis-sena ta' qabel, seta' ndifen ħaj. Huwa u Levanzin allegaw li kien hemm irregolaritajiet fl-eżekuzzjoni tal-piena kapitali konċernata.

Dr Agius sab reffied ieħor f'iben Dr Fortunato Mizzi u ħu Dr Enrico Mizzi, ċjoè fl-avukat Dr Giuseppe Mizzi tal-gazzetta Malta, li żera' aktar dubji u xerred iżjed spekulazzjonijiet fil-popolazzjoni billi żied jgħid li Ninu Xkora seta' kien għadu ħaj meta tpoġġa taħt il-kaptelli ta' qabru.

Konsegwentement, Dr Agius l-aktar bħala bniedem mediku, offenda lill-membri tal-professjoni li kienu ċċertifikaw il-mewt ta' Azzopardi, tant, li huma fittxewh billi fetħu kawża ta' libell kriminali.

Dr Agius qabbad bħala l-avukat difensur tiegħu lil Dr Arturo Mercieca, stilla naxxenti fil-filament legali ta' Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin, u ma nstabx ħati wara esposizzjoni brillanti b' sottomissjonijiet tekniċi u evidenza konkreta. Dr Agius u miegħu Agostino Levanzin kienu liberati speċjalment għaliex id-difiża pproduċiet bħala xhud espert lil Dr Giuseppe Galizia li fl-Awla tal-Qorti spjega li l-atlas vertebrae setgħet ma tintmissx fejn ir-ras ta' persuna kienet tispiċċa ddur fid-direzzjonijiet kollha sew wara xi waqgħa sew wara t-tgħalliq.

Dr Agius xorta waħda kellu jħallas prezz qares billi huwa kisser ir-reputazzjoni u allura naqqas iċ-ċirkulazzjoni ta' Il Risorgimento.

L-attivitajiet ġurnalistiċi tiegħu wkoll xejnu l-prattika privata mill-aktar estensiva li kien bena f'tas-Sliema fost ir-residenti Ingliżi li bdew iħabbtu l-bibien ta' kliniċi oħrajn.

Dr Agius, u fl-istess ilma Francesco Saverio Decesare li kien jistampa l-gazzetta 'Patriota', kellu wkoll fl-istess żmien jikkumbatti tenaċement ir-restrizzjonijiet fis-suq li fl-istess epoka kien mifni minn kriżi ekonomika verament gravi li ħakmet lil Malta bħala riżultat ta' sitwazzjoni li wasslet għall-Ewwel Gwerra Dinjija. Dr Agius baqa' s-sid u l-pubblikatur ta' Il Risorgimento sal-1912.

Dr Agius irnexxielu jingaġġa mas-servizz ċivili u nħatar District Medical Officer (D.M.O.) fiż-Żurrieq fil-15 ta' Novembru 1916, iżda aktar tard kien trasferit għan-Nadur f'Għawdex. Huwa kien il-vittma ta' allegazzjonijiet li mhux biss qatt ma kienu ppruvati fit-tribunali tal-ġustizzja iżda kien ħareġ ċar li t-testimonjanza li nġiebet kontra tiegħu kienet tammonta għal sperġur.

Oriġinarjament, huwa kien sottomess għal inkjesta uffiċjali li l-awtoritajiet bdew fuq tixlija ta' tixħim u li dawk kollha interessati pubbliċizzaw b'ħafna daqq ta' trombi iżda ma ħaditx bosta biex tkun aġġornata sine die meta deher fil-miftuħ li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu qegħdin jixhdu falz.

B'xorti ħażina, Dr Agius laħqet saritlu ħafna ħsara u l-pożizzjoni tiegħu mal-Gvern saret waħda li ma baqgħetx tenibbli. Huwa ta r-riżenja tiegħu fl-1923.

Pietro Paolo Agius ingħaqad fiż-żwieġ ma' Rachele Formosa fil-preżenza ta' żijuh Don Giuseppe Agius u x-xhieda Dr Carmelo Sammut M.D. u l-Professur Napoleone Tagliaferro fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris f'tas-Sliema fit-22 ta' Jannar 1896.*

Huwa u martu għexu għal bosta snin fid-dar n.52, it-Terrazza ta' Victoria, f'tas-Sliema, u aktar tard fin-n.15, Triq Alexandra, fl-istess belt ewlenija ta' Malta.

Pietro Paolo Agius miet fl-età ta' 68 sena fil-lejl fl-aħħar residenza tiegħu. Huwa ndifen fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Tal-Ħorr, f'Raħal Ġdid.

Pubblikazzjonijiet:

1894 'Polemica Scientifica tra Dr P.P. Agius e "Furio", Malta, (15, 18, 19, 22.i.1894);

1897 Igiene del Bambino, 'L'igiene e l'esaurimento dei nervi', La Salute Pubblica (24. iv.1897);

1906 'Il Timo in Malta', Malta Letterarja Volum III;

1925 'La Medicina dello Stato' Malta (14.x.1925), 'Il Biancovestire e l'Igiene', Malta (10.x.1925);

1928 'Igiene e Medicina', Malta (17.vi.1928).

Manuskritti:

'It-Trobbija tat-Tfal' (7 volumes.); 'Why Goat's Milk is best for Infants' Feeding'; 'Hygiene for the people' (2 volumes); 'Social Hygiene and Hygiene'; 'Dal Taccuino della mie memorie'.

Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Valletta, Twelidijiet 3546/1896; Imwiet1635/1935; Knisja Arċipretali, San Filep, Ħaż-Żebbuġ, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum XIII, April 1865-July 1880, 2.11.1866, f.28r.; Knisja Parrokkjali Stella Maris, tas-Sliema, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum I, pagna 187; Università ta' Malta, L-Imsida, Librerija tal-Melitensia, Sezzjoni tal-Arkivji u tal-Kotba Rari, Acts, Arch.78, v.IV, 1883-1924; Public Opinion (23.xii.1893); Gazzetta di Malta (30.x.1909); Guida Generale di Malta e Gozo/General Guide of Malta and Gozo 1910 (The Malta Herald, 1910); Risorgimento, n.7986 (14.viii.1911); Malta (19.iii.1935); Arturo Mercieca, Le Mie Vicende (Malta, 1947); Paul Cassar, 'Psychiatric Literature by Maltese Physicians, Bibliographical Note n.1', Scientia, 16 (Progress Press Co.Ltd., 1950); Robbie Mifsud Bonnici, Dizzjunarju Bio-Bibljografiku Nazzjonali (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960); Università ta' Malta, Librerija tal-Melitensia, Sezzjoni tal-Arkivju u l-Kotba Rari, Mss.262, Harry B.Formosa. Dictionary of Maltese National Biography including foreigners connected with Malta or who died in and are buried in Malta (Malta, 1958); Paul Cassar, 'Dr Pietru Pawl Agius MD', Ħal Balzan (Mar.-Apr. 1975), Henry Frendo, Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience (Midsea Books, 1979); Remiġ Sacco, Elezzjonijiet Ġenerali 1849-1986.. Il-ġrajja politika u kostituzzjonali ta' Malta (klabb kotba Maltin, 1986); Paul Cassar, 'Żewġ Tobba Magħrufa Midfunin fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan...It-Tabib Pietru Pawl Agius (1837-1890)', Marselle Delicata (ed.) Minn Ħal Balzan – Ġabra ta' kitbiet ta' awturi li joqogħdu Ħal Balzan (Veritas Press, 1995); Edward Attard, Il-Piena Kapitali f'Malta u Pajjiżi oħra (Book Distributors Ltd., 2002); Id., Il-Ħabs. L-Istorja tal-Ħabsijiet f'Malta (1800-2000) (Malta, 2007, Edizzjoni Riveduta); Michael J. Schiavione, Dictionary of Maltese Biographies, A-F (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009); Sergio Portelli, La stampa periodica in italiano a Malta (Malta University Press, 2010); Ġorġ Aquilina, Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu). 1482c – 1965c (sal-Konċilju Vatikan II) (klabb kotba Maltin, 2011).

Nota Bene:

Il-żwieġ ta' Pietro Paolo u ma' Rachele Formosa mhux insinwat fir-Reġistru Pubbliku, fil-Belt Valletta.

Huwa kien kontributur regolari permezz tal-ġurnaliżmu ta' kuljum u ta' rivisti letterarji.